No. 16,371
Prezz 8c
Price 8c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 18 ta' Novembru, 1996
Monday, 18th November, 1996

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 733

### ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

**Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp**

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà Nru. 16/18,
Triq Il-Mitħna,
H'Attard

(ara l-pjanta f'paġna 7,718) tista' tkun ta' valur arkitettoniku u storiku ħekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'ħekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà li qiegħda f'numru 16/18, Triq il-Mitħna, Attard, għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 1, skond il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħhom.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-18 ta' Novembru, 1996

## GOVERNMENT NOTICE

No. 733

### EMERGENCY CONSERVATION ORDER

**Section 47 of the Development Planning Act 1992**

The Planning Authority believes that the following property, namely:–

Property No.16/18,
Mill Street,
Attard

(see site plan on page 7,718) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property, situated at No.16/18, Mill Street, Attard, is to be considered as a Grade 1 listed property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

18th November, 1996




# PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E49592, N72159 Max E500151, N726241

Title :-

**Emergency Conservation Order: Attard**

No. 16/18, Triq il-Mithna, Attard

Ref No. :- **GF 628/96**

Form No. :- MU003